2015-2020

# Politika u Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ 2015-2020



## Grupp ta' Ħidma tal-Politika dwar it-Treddigħ

| | |
|---|---|
| Prof. Thomas Attard | Dipartiment tal-Pedjatrija, MDH |
| Sa Sandra Bianco | Assoċjazzjoni ta' Konsulenti dwar it-Treddigħ |
| Sa Marie Louise Bugeja | Parentcraft Services, MDH |
| Sa Helen Borg | Breastfeeding Walk-in Clinic, MDH |
| Dr Mariella Borg Buontempo | Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard |
| Dr Ray Busuttil | Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard |
| Sa Maria Buttigieg Said | Breastfeeding Walk-in Clinic, MDH |
| Sa Anna Cutajar | Assoċjazzjoni ta' Konsulenti dwar it-Treddigħ |
| Sa Pauline Fenech | Breastfeeding Walk-in Clinic, MDH |
| Dr Charmaine Gauci | Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard |
| Dr Sascha Reiff | Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard |
| Sa Charlene Vassallo | Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard |

## Rikonoxximenti għall-kontributuri għall-politika


| | |
|---|---|
| Dr Miriam Gatt | Direttorat għall-Informazzjoni dwar is-Saħħa u Riċerka |
| Ms Nathalie Zammit | Maniġer ewlenija tal-Qwiebel, MDH |


## Tim Editorjali

Dr Mariella Borg Buontempo
Dr Ray Busuttil
Dr Charmaine Gauci


Il-Jeddijiet kollha Miżmuma © Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, 2015

Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard ġie identifikat bħala Pubblikatur ta' dan ix-xogħol b'mod konformi mal-Att tal-*Copyright*, 2001.



Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2015 mid Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, Segretarjat Parlamentari għas-Saħħa, 5B, The Emporium, C. De Brocktorff Street, Msida MSD 1421, Malta



Id-drittijiet kollha huma riżervati ħlief għall-kwotazzjoni ta 'passaġġi qosra għall-finijiet ta' riċerka u r-reviżjoni, l-ebda parti ta' din il-pubblikazzjoni tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistemi ta rkupru, jew trasmess f'kull forma jew bi kwalunkwe mezz, elettroniċi, mekkaniċi, *photcopying*, reġistrazzjoni jew b'xi mod ieħor, mingħajr il-permess tal-pubblikatur.

Il-pubblikatur għamel l-aħjar li setgħa biex jiżgura li l-URLs għall-websajts esterni imsemmija f'dan il-ktieb huma korretti u attivi fil-ħin li ntbgħat għall-istampa. Madankollu l-pubblikatur m'għandhu l-ebda responsabbiltà għal-websajts u ma jagħti l-ebda garanzija lis-siti jibqaw attivi jew li l-kontenut huwa jew se jibqa kif suppost.



ISBN: 978-99957-0-886-3

# Kelmtejn Qabel

It-tfal tagħna huma fil-qalba tal-familji tagħna. Hija x-xewqa ta' kull ġenitur li t-tfal tagħhom ikollhom l-aħjar bidu possibbli fil-ħajja. Il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ 2015-2020 għandha l-għan li tikseb dan. Tirrifletti f'termini reali l-impenn tal-Gvern biex joħloq u jipprovdi sistema tal-kura tas-saħħa fejn it-treddigħ jiġi mħeġġeġ, promoss u appoġġjat mis-soċjetà in ġenerali. It-treddigħ huwa l-mod naturali sabiex it-trabi jingħataw in-nutrijenti li jeħtieġu għal tkabbir u żvilupp b'saħħtu.

In-nutrizzjoni hija importanti għas-saħħa pubblika u mhux sempliċement għażla ta' stil tal-ħajja. L-evidenza qegħda dejjem tikber dwar il-benefiċċji tat-treddigħ għas-saħħa, kemm għall-omm kif ukoll għat-tarbija minbarra wkoll il-benefiċċji ekonomiċi li dan ikollu fis-soċjetà. It-trabi li jiġu mreddgħa huma inqas probabbli li jkollhom piż żejjed jew ikunu obeżi meta jikbru. Malta, bħall-kumplament tal-Ewropa, qed taffaċċja sfida kbira fir-rigward tal-obeżità fit-tfulija. L-obeżità tqiegħed lit-tfal f'riskju ogħla għall-iżvilupp ta' mard li ma jitteħidx, bħad-dijabete u mard kardjovaskolari meta jikbru.

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrikonoxxi t-treddigħ bħala l-aħjar prassi ta' tmigħ għan-nutriment tat-trabi. Il-ħalib tas-sider jipprovdi l-ammont tajjeb tan-nutrijenti t-tajbin skont il-ħtiġijiet tat-tarbija. It-treddigħ esklussiv huwa rrakkomandat għall-ewwel sitt xhur tal-ħajja tat-tarbija u mbagħad jitkompla bi tmigħ supplimentari sal-età ta' sentejn jew aktar fejn possibbli.



Din il-politika għandha l-għan li żżid kemm ir-rati ta' bidu tat-treddigħ hekk kif joħorġu mill-isptar, kif ukoll il-kontinwazzjoni esklussiva tiegħu għall-ewwel sitt xhur. Fil-fatt, l-ommijiet jistgħu jreddgħu sakemm dawn ikunu infurmati sew, jirċievu l-appoġġ tal-familja tagħhom u għandhom sistema tal-kura tas-saħħa u ambjent ta' appoġġ, fejn diversi partijiet interessati kemm rappreżentanti tal-gvern kif ukoll tas-soċjetà inġenerali jkollhom rwol kruċjali.

Il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għat-Treddigħ 2015-2020 tirrikonoxxi d-dritt li l-ommijiet għandhom biex jirċievu informazzjoni ċara u imparzjali, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata sew dwar kif jitimgħu lit-tarbija tagħhom. Minkejja li l-Gvern jappoġġja bis-sħiħ il-miżuri kollha li jinkoraġġixxu lin-nisa biex ireddgħu, se jkompli jipprovdi wkoll l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-ommijiet kollha irrispettivament mill-metodu magħżul għat-tmigħ tat-trabi.

Nixtieq infaħħar lid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, il-Parentcraft Services, il-Breastfeeding Walk-in Clinic, id-Dipartiment tal-Pedjatrija u l-NGOs għall-ħidma tagħhom fl-iżvilupp ta' din il-politika u għall-promozzjoni u l-appoġġ għat-treddigħ.

**Onor. Christopher Fearne**
Segretarju Parlamentari għas-Saħħa

## Prefazju

Din il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ tfasslet f'ħin kruċjali meta l-azzjonijiet globali jenfasizzaw l-importanza tal-prevenzjoni sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-popolazzjoni. B'konformità mal-istrateġija nazzjonali fil-ġlieda kontra l-obeżità f'Malta, il-politika għandha fil-mira l-ewwel stadji tal-perkors tal-ħajja. Din il-politika tagħraf l-importanza bijoloġika, sana, soċjali, kulturali, ambjentali u ekonomika tat-treddigħ. Tipprovdi wkoll direzzjoni għal prijoritajiet u azzjoni għall-livelli kollha tal-gvern Malti, biex jaħdmu mal-ommijiet u s-soċjetà sabiex jippromwovu, jipproteġu, jappoġġjaw u jmantnu t-treddigħ.

Il-politika ġiet żviluppata permezz ta' proċess estensiv ta' konsultazzjoni nazzjonali. Wara analiżi estensiva, il-grupp ta' ħidma li kien magħmul mill-partijiet interessati ewlenin, ikkonferma li diġà sar sforz konsiderevoli f'dan il-qasam kemm mill-gvern kif ukoll minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. Madankollu dan ma kienx biżżejjed u r-rati ta' treddigħ esklussiv xorta għadhom jeħtieġu titjib sostanzjali.

Huwa meħtieġ sforz minn ħafna naħat, mill-gvern kollu u mis-soċjetà kollha sabiex jitrawwem ambjent li jappoġġja u jippermetti lill-ommijiet biex ireddgħu. Biex din il-politika taħdem, hu meħtieġ sforz konġunt tal-gvern mal-professjonisti tas-saħħa, il-komunità, il-familja u s-soċjetà, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, dawk li jħaddmu u postijiet tax-xogħol, servizzi għall-kura tat-tfal, manifatturi, importaturi u bejjiegħa tat-trab tal-ħalib għat-trabi. Il-biċċa l-kbira tar-rispons tagħhom ġie inkluż f'dan id-dokument. Il-partijiet interessati se jkomplu jkunu involuti u kkonsultati matul l-implimentazzjoni ta' din il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni.

Il-ħames oqsma ewlenin ta' azzjoni huma:



- Leġiżlazzjoni u politiki li jirregolaw il-bejgħ tas-sostituti tal-ħalib tas-sider;
- Tiġi mħeġġa politika ta' treddigħ fl-isptarijiet;
- It-taħriġ ta' professjonisti tas-saħħa;
- L-iżvilupp ta' strateġiji għall-promozzjoni u l-appoġġ għat-treddigħ fil-komunità;
- L-iffissar ta' miri, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika.

L-implimentazzjoni ta' din il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ se titmexxa mis-settur tas-saħħa bl-impenn kontinwu tas-setturi l-oħra. F'dan il-pjan nistgħu noħolqu ambjent u kultura aktar permettenti għat-treddigħ. Inħeġġu lill-Maltin biex jilqgħu u jmexxu 'l quddiem din il-Politika li hija mmirata għat-titjib tas-saħħa u l-benesseri tat-trabi, it-tfal żgħar u l-ommijiet.

Il-ħin, l-isforz u l-konsulenza tal-bosta persuni li kkontribwew huma rikonoxxuti u apprezzati.

**Dr Charmaine Gauci**
Direttur,
Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa
u l-Prevenzjoni tal-Mard

## Sommarju Eżekuttiv

Il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ 2015-2020 taġġorna l-politika preċedenti mal-evidenza xjentifika attwali dwar il-benefiċċji tat-treddigħ fl-ewwel ftit xhur u aktar fit-tul għall-omm u t-tarbija, sabiex jinkisbu rati tat-treddigħ esklussivi ogħla għall-ewwel sitt xhur u wara dan biex it-treddigħ jitkompla bl-ikel supplimentari xieraq.

Għalkemm it-treddigħ huwa proċess 'naturali', l-omm u t-tarbija t-tnejn iridu jitgħallmu din il-ħila. Jeżistu bosta sfidi u kunċetti żbaljati dwar it-treddigħ. Il-politika għandha l-għan li tippromwovi t-treddigħ fi ħdan ambjent li jappoġġja, mingħajr ma jqajjem fi kwalunkwe mod, sentimenti ta' ħtija fin-nisa li ma jistgħux jew jagħżlu li ma jreddgħux. It-treddigħ jibqa' l-għażla tal-individwu.

Malta għandha rata tat-treddigħ baxxa meta mqabbla ma' pajjiżi oħra tal-UE kemm meta joħorġu mill-isptar kif ukoll fl-ewwel xhur tal-ħajja. Ir-rati tat-treddigħ (esklussiv u mħallat) żdiedu minn 45% fl-1995 għal 71% fl-2012. Madankollu t-treddigħ esklussiv jibqa' f'livell ta' madwar 55% meta joħorġu mill-isptar wara l-ħlas.

In-nisa li jreddgħu għandhom riskji aktar baxxi li jiżviluppaw il-kanċer tas-sider qabel il-menopawża, il-kanċer tal-ovarji, osteporożi u mard tal-qalb. It-trabi li jitreddgħu għandhom inqas riskju ta' mard tad-dijarea u dak respiratorju, kif ukoll rati aktar baxxi ta' mard kroniku bħad-dijabete u fjammazzjoni fl-imsaren. Trabi mreddgħin għandhom inċidenza anqas ta' piż żejjed u għandhom żvilupp intellettwali u fiżiku aħjar.

Din il-politika tiddeskrivi azzjonijiet għall-promozzjoni tal-bidu u l-manteniment ta' treddigħ esklussiv. L-inizjattiva tal-politika bbażata fuq l-evidenza tinkludi l-gruppi kollha tal-popolazzjoni, lokalitajiet differenti bħal komunità, post tax-xogħol, sptar jew ċentru tas-saħħa, u tippromwovi taħriġ u ambjent ta' appoġġ għall-professjonisti tas-saħħa u gruppi oħrajn.

Il-Politika tirrakkomanda li l-ħaddiema u l-istituzzjonijiet tas-saħħa, soċjali u istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb l-ommijiet, it-trabi u t-tfal żgħar għandhom jimmiraw li jippromwovu t-treddigħ. L-isptarijiet, it-taqsimiet tal-maternità u l-faċilitajiet fil-kura primarja tas-saħħa għandhom jadottaw u jimplimentaw strateġiji effettivi għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-appoġġ tat-treddigħ kif spjegat fil-`BFHI, li hija inizjattiva konġunta bejn il WHO u l-UNICEF. Il-ħaddiema tas-saħħa, soċjali u dawk allejati magħhom li jieħdu ħsieb l-ommijiet, it-trabi u t-tfal żgħar għandhom jirċievu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp ta' ħiliet meħtieġa biex jimplimentaw din il-politika. Għandhom jiġu żviluppati strateġiji għall-promozzjoni u l-appoġġ tat-treddigħ fil-komunità, billi jiġu involuti l-missirijiet u l-familja, il-komunità u dawk li jħaddmu. Il-politika turi wkoll l-indikaturi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ kif ukoll l-oqsma tar-riċerka meħtieġa.

# Werrej

Kelmtejn Qabel ....3
Prefazju ....4
Sommarju Eżekuttiv .... 5
Lista ta' Abbrevjazzjonijiet ....8
Lista ta' Tabelli u Figuri.... 8

**1. Daħla ....9**

**2. Sfond ....11**
2.1. Il-Benefiċċji tat-Treddigħ ....12
2.1.1. L-Effett tat-Treddigħ fuq it-Tfal Imreddgħin....12
2.1.2. L-Effett tat-Treddigħ fuq l-Iżvilupp Intellettwali u Fiżiku....12
2.1.3. L-Effett tat-Treddigħ fuq il-Mard li Ma Jitteħidx ....12
2.1.4. L-Effett tat-Treddigħ fuq is-Saħħa tal-Omm ....12
2.1.5. L-Effett tat-Treddigħ fuq is-Saħħa Psikoloġika ....12
2.1.6. Il-benefiċċji ekonomiċi tat-Treddigħ....13
2.2. Fatturi li jaffettwaw it-Treddigħ....13
2.3 Analiżi tas-sitwazzjoni ....13
2.3.1. Is-Sitwazzjoni fl-Ewropa....13
2.3.2. Is-Sitwazzjoni f'Malta ....14
Rati tat-Treddigħ....14
Dispożizzjonijiet Statutorji ....16
Politika u Governanza....16
Servizzi Disponibbli ....16
Riżorsi Umani u Taħriġ....18

**3. Politika, Viżjoni, Għanijiet u Objettivi .... 19**

**4. Inizjattivi tal-Politika .... 21**
4.1. Titjib fil-leġiżlazzjoni li tirregola il-bejgħ tas-sostituti tal-ħalib tas-sider ....22
4.2. Tiġi mħeġġa politika ta' treddigħ fi sptarijiet tal-maternità fuq il-bażi tal-prinċipji tal-"Baby Friendly Hospital Initiative" (BFHI) ....22
4.3. Taħriġ ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa fil-promozzjoni u l-immaniġġjar tat-treddigħ ....22
4.4. L-iżvilupp ta' strateġiji għall-promozzjoni u l-appoġġ għat-treddigħ fil-komunità....23
4.4.1. Matul it tqala....23
4.4.2. Waqt it-twelid....23
4.4.3. Wara t-twelid....23
4.4.4. Fil-komunità....24
4.4.5. Gruppi ta' appoġġ....24
4.4.6. Fuq il-post tax-xogħol....25
4.5. L-iffissar ta' miri, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' din il-Politika....25

**5. Monitoraġġ u Riċerka .... 27**

**6. Konklużjonijiet ....29**

**7. Referenzi .... 31**

# Lista ta' Tabelli u Figuri

## Tabelli

Tabella 1: Persentaġġ ta' metodi ta' tmigħ ta' trabi skont iż-żmien mit-twelid (1995-2002) ..........................page 14
Tabella 2: Persentaġġ ta' metodi ta' tmigħ ta' trabi meta joħorġu mill-isptar (2008-2014) ..........................page 14
Tabella 3: Prassi materni tat-tmigħ fiż-żmien meta joħorġu mill-isptar skont l-edukazzjoni (2012 – 2013) ........page 16

## Figuri

Figura 1: Treddigħ esklussiv u mħallat fl-ewwel 24 siegħa wara t-twelid skont il-pajjiż ...............................page 15
Figura 2: Persentaġġ ta' treddigħ esklussiv fiż-żmien meta joħorġu mill-isptar ............................................page 15

# Lista ta' Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **BFH** | Baby Friendly Hopsital (Sptar Favorevoli għat-Trabi) |
| **BFHI** | Baby Friendly Hopsital Initiative (Inizjattiva tal-Isptarijiet Favorevoli għat-Trabi) |
| **DLM** | District Liaison Midwives |
| **GGH** | Sptar Ġenerali t'Għawdex |
| **MDH** | Sptar Mater Dei |
| **MMDNA** | Malta Memorial District Nursing Association |
| **NICE** | National Institute for Health and Clinical Excellence |
| **PSMC** | Kodiċi tal-Ġestjoni tas-Servizz Pubbliku |
| **SOP** | Proċeduri Standard tal-Operat |
| **UNICEF** | Fond tan-Nazzjonijiet Magħquda għat-Tfal |
| **WHA** | Assemblea Dinjija tas-Saħħa |
| **WHO** | Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa |

Kapitlu 1

# Daħla



## Daħla

Malta adottat l-ewwel politika nazzjonali tagħha dwar it-treddigħ fl-2000 [1]. L-għan tal-politika kien li terġa' tiġi stabbilita u tissaħħaħ il-kultura tat-treddigħ immirata għall-promozzjoni tat-treddigħ mit-twelid u t-titjib tal-prattiċi tat-tmigħ tat-trabi u t-tfal żgħar. Bl-avvanzi fil-mediċina bbażata fuq l-evidenza kif ukoll il-bidliet li saru b'relazzjoni mal-kulturi u s-soċjetà, l-ħtieġa li tiġi aġġornata din il-politika kienet evidenti. Il-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ 2015-2020 tikkunsidra l-iżviluppi l-aktar riċenti, tħares lejn il-progress li sar fil-kisba tal-objettivi tal-politika preċedenti, u tirrakkomanda azzjonijiet biex tkompli tiżdied ir-rata tat-treddigħ f'Malta. L-aġġornament ta' din il-Politika hija waħda mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija Piż San għall-Ħajja (2012-2020) [2].

Il-kwalità tat-tmigħ fit-tfulija hija fattur determinanti tas-saħħa futura tal-individwu. Il-politika l-ġdida dwar it-treddigħ ikkonsultat dokumenti varji inkluż l-Istrateġija Globali għat-Tmigħ ta' Trabi u Tfal Żgħar li ġiet żviluppata b'mod konġunt mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-Fond tan-Nazzjonijiet Magħquda għat-Tfal (UNICEF) fl-2002 [3] kif ukoll inizjattivi preċedenti bħall-Inizjattiva tal-Isptarijiet Favorevoli għat-Tfal (riveduta fl-2009) [4], il-Kodiċi Internazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni ta' Sostituti tal-Ħalib tas-Sider (1981) [5] u d-Dikjarazzjoni Innocenti dwar il-Protezzjoni, il-Promozzjoni u l-Appoġġ għat-Treddigħ (1990) [6]. Din tal-aħħar ġiet riveduta fl-2005 biex tinkludi l-miri operazzjonali tal-Istrateġija Globali tal-WHO/UNICEF imsemmija aktar 'il fuq[3].

It-treddigħ huwa proċess 'naturali' li kemm l-omm kif ukoll it-tarbija jridu jitgħallmu. L-għażla biex tredda' tibqa' l-għażla tal-individwu. L-għan ta' din il-politika huwa biex jinħoloq l-ambjent ta' appoġġ neċessarju u biex tittejjeb il-kultura xierqa sabiex tiġi faċilitata l-għażla tal-individwu biex ireddgħa. Mhijiex maħsuba b'ebda mod, direttament jew indirettament, biex dawk in-nisa li jiddeċiedu li ma jreddgħux jew li ma jirnexxilhomx jagħmlu dan, iħossuhom ħatja dwar l-għażla tagħhom jew dwar ir-riżultat tat-tentattiv tagħhom.

Kapitlu 2

# Sfond



## 2.1 Il-Benefiċċji tat-Treddigħ

L-Istrateġija Globali għat-Tmigħ ta' Trabi u Tfal Żgħar tgħid, "Prassi adattati tat-tmigħ ibbażati fuq l-evidenza, huma essenzjali biex jinkisbu u jiġu mantnuti nutrizzjoni u saħħa xierqa." [3] L-evidenza xjentifika u epidemijoloġika l-aktar riċenti kkontribwiet biex nifhmu l-irwol tat-treddigħ fis-sopravivenza, it-tkabbir u l-iżvilupp tat-tfal kif ukoll is-saħħa u l-benesseri tal-omm, kemm f'pajjiżi żviluppati kif ukoll f'dawk li qed jiżviluppaw.

Ir-riċerka wriet li t-treddigħ esklussiv jipprovdi b'mod immedjat benefiċċji tas-saħħa tat-tarbija. Il-WHO ppubblikat ukoll analiżi sistematika u meta analiżi dwar l-evidenza fuq l-effetti tat-treddigħ fit-tul taż-żmien[7] u tikkonkludi li għalkemm modesti, fit-tul hemm benefiċċji statistikament sinifikanti mit-treddigħ. F'persuni Ii kienu treddgħu nstabu pressjoni tad-demm aktar baxxa, kolesterol totali aktar baxx, prestazzjoni aħjar fit-testijiet tal-intelliġenza u inċidenza mnaqqsa fil-piż żejjed u d-Dijabete Mellitus tat-tip 2. L-importanza ta' dawn l-effetti tqabblet ma' interventi oħrajn tas-saħħa pubblika, u nstab li speċjalment għal-livelli tal-kolesterol u l-obeżità, it-treddigħ kien simili jekk mhux aktar effettiv mill-edukazzjoni dwar id-dieta u attività fiżika aktar 'il quddiem fil-ħajja.

Skont l-analiżi sistematika Cochrane l-aktar riċenti, id-dewmien ideali ta' treddigħ esklussiv huwa sitt xhur, [8] filwaqt li l-WHO tirrakkomanda li wara dan it-trabi għandhom jingħataw prodotti tal-ikel supplimentari li jkunu siguri u xierqa b'mod nutrittiv, filwaqt li t-treddigħ jitkompla sa sentejn jew aktar jekk mixtieq. [3]

### 2.1.1. L-Effett tat-Treddigħ fuq is-Saħħa tat-Tfal Imreddgħin

It-treddigħ esklussiv jipprovdi benefiċċji tas-saħħa immedjati għat-tarbija. Inaqqas ir-rata tal-infezzjonijiet tal-passaġġ tan-nifs [9-11], infjammazzjoni tal-parti tan-nofs tal-widna[12-13], dijarea [14-17] kif ukoll imwiet minħabba dan il-mard [18-19], speċjalment matul l-ewwel sitt xhur tal-ħajja.

Fi tfal li treddgħu, ġiet dokumentata wkoll inċidenza u severità aktar baxxa tal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Obeżità [20,21]
- Dijabete Mellitus [22,23]
- Lewkimja tat-tfulija [24]
- Mard infjammatorju tal-imsaren [25]
- Mard tal-imsaren b'diġestjoni difettuża tal-qamħ [26]
- Kanċer tat-tfulija [27]
- Mard kardjovaskolari [28]
- Mard allerġiku/Ażma [29,30]
- Infezzjonijiet tal-passaġġ urinarju [31]
- Enterokolite nekrotika [32]

### 2.1.2. L-Effett tat-Treddigħ fuq l-Iżvilupp Intellettwali u fiziku

Ir riċerka wriet li għalkemm riżultati aħjar fl-iżvilupp konjittiv, newroloġiku u fid-diskors mhumiex tant evidenti, wara li wieħed jikkunsidra l-fatturi kollha li jistgħu jagħmlu impatt, wieħed isib li t-treddigħ xorta jikkawża effett osservabbli pożittiv.[33-35] Il-konsistenza ta' dawn ir-riżultati, flimkien mar-relazzjoni tar-rispons għad-doża, tissuġġerixxi li din id-differenza hija reali u għandha bażi bijoloġika anke jekk din għadha mhix mifhuma kompletament.

### 2.1.3. L-Effett tat-Treddigħ fuq il-Mard li Ma Jitteħidx aktar 'il quddiem fil-ħajja

Saru ftit studji ta' osservazzjoni fuq l-assoċjazzjoni bejn it-treddigħ u għadd ta' mard li ma jitteħidx aktar 'il quddiem fil-ħajja[36]. L-assoċjazzjonijiet studjati jinkludu l-obeżità [37, 38], id-dijabete [39, 40] u l-kanċer [41, 42]. Rapport tal-Kummissjoni Ewropea [43] jsostni li tnaqqis ta' riskju ta' mard kroniku aktar tard fil-ħajja jista' jiġi promoss bħala benefiċċju potenzjali addizzjonali tat-treddigħ.

### 2.1.4. L-Effett tat-Treddigħ fuq is-Saħħa tal-Omm

Il-bidu tat-treddigħ għandu xi effetti mmedjati u fuq żmien qasir fuq l-omm billi jistimula r-rilaxx tal-oxytocin li jnaqqas iċ-ċans ta' emoraġija wara l-ħlas permezz ta' diversi mogħdijiet, filwaqt li jdewwem ukoll ir-ritorn tal-ovulazzjoni li jnaqqas ir-riskji assoċjati ma' tqala oħra ftit żmien wara dik ta' qabel. Fit-tul taż-żmien, it-treddigħ intwera li jgħin biex jipproteġi lill-omm minn kanċer tas-sider qabel il-menopawża u kanċer tal-ovarji, osteoporożi u mard tal-qalb[44-46]. Ommijiet li jreddgħu juru wkoll ritorn aktar bikri għall-piż li kellhom qabel it-tqala. [47]

### 2.1.5. L-Effett tat-Treddigħ fuq is-Saħħa Psikoloġika tal-Omm

In-nisa ta' sikwit jirrapportaw ix-xewqa li jesperjenzaw sentiment ta' rabta mat-tarbija l-ġdida tagħhom permezz tat-treddigħ[48]. It-treddigħ għandu

effett fuq is-saħħa psikoloġika tal-omm billi jnaqqas ir-riskju ta' depressjoni wara l-ħlas, kundizzjoni serja u komuni. Għalkemm ir-riżultati tar-riċerka għadhom mhumiex konklussivi, xi studji sabu li nisa li jkunu reddgħu u dawk b'dewmien itwal ta' treddigħ għandhom riskju aktar baxx ta' depressjoni wara l-ħlas. Jidher li hemm relazzjoni reċiproka bejn iż-żewġ varjabbli, fejn id-depressjoni wara l-ħlas taffettwa t-treddigħ, u viċeversa [49].

### 2.1.6. Il-Benefiċċji Ekonomiċi tat-Treddigħ

It-treddigħ huwa l-irħas mod għall-familja biex tipprovdi nutrizzjoni lit-tarbija meta mqabbel mal-ispiża ta' metodi alternattivi ta' tmigħ[50,51]. Barra dan, għalkemm analiżi differenti jipprovdu perspettivi differenti, il-konklużjonijiet huma unanimi li trabi li jingħataw trab tal-ħalib għat-trabi, probabbli jkollhom spejjeż ogħla tal-kura tas-saħħa minn trabi mreddgħin [52,53]. Barra minn hekk, hemm ukoll tnaqqis fl-ispejjeż ambjentali b'riżultat tat-tnaqqis tal-ippakkjar, l-ispejjeż tat-trasport u ħela fi prodotti sekondarji mill-produzzjoni u l-użu tat-tmigħ artifiċjali [54].

## 2.2. Fatturi li Jaffettwaw it-Treddigħ

Id-deċiżjoni li tredda' u l-kapaċità li tagħmel dan jiddependu fuq sensiela ta' fatturi kumplessi u ta' sikwit relatati bejniethom [55]. Dawn jinkludu fatturi kulturali [56] li jaffettwaw it-tendenzi tat-tmigħ u l-monitoraġġ ta' kif jikbru t-tfal mitmugħa bit-trab tal-ħalib. Fatturi oħra jinkludu l-effett tal-midja inkluż ir-rappreżentazzjoni tat-tmigħ bil-flixkun, bħala n-norma u bħala sigur [57]. Jidħlu wkoll fatturi nazzjonali bħal edukazzjoni mhux adegwata ta' professjonisti tas-saħħa [58], nuqqas ta' edukazzjoni fl-iskejjel [59] u n-nuqqas ta' ambjent ta' appoġġ barra mid-dar u fuq il-post tax-xogħol [60]. L-eżistenza ta' politika nazzjonali li tiggarantixxi waqfiet għat-treddigħ sakemm it-tarbija għandha tal-anqas sitt xhur, ġiet assoċjata b'mod sinifikanti ma' rati ogħla ta' treddigħ esklussiv [61].

Għalkemm ħafna nisa huma konxji li t-treddigħ huwa l-aħjar sors ta' nutrizzjoni għat-tarbija, mhumiex konxji tal-benefiċċji speċifiċi bħall-protezzjoni kontra d-dijarea [62]. Ħafna nies inklużi professjonisti tas-saħħa, jemmnu b'mod ħażin li t-trab tal-ħalib għat-trabi u l-ħalib tas-sider huma ekwivalenti f'termini tal-benefiċċji għas-saħħa. Ir-rati tat-treddigħ huma aktar baxxi fost ommijiet żgħażagħ u b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi [63]. Status soċjoekonomiku baxx tal-omm u s-sieħeb, hu assoċjat ma' rati ta' treddigħ aktar baxxi [64]. Fatturi individwali li jaffettwaw it-treddigħ jinkludu l-attitudni u l-appoġġ mogħti mis-sieħeb u gruppi ta' appoġġ, kif ukoll l-incertezza u d-diffikultà li jħossu l-aktar ommijiet żagħżugħa biex ireddgħu fil-pubbliku. Fatturi individwali bħal uġigħ fis-sider u fil-bżieżelu perċezzjoni li ma jkunx hemm ħalib biżżejjed, jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni biex jieqfu.

Xi ommijiet mhumiex ċerti fuq kif ireddgħu u fuq dak li jistgħu jistennew waqt li jkunu qed ireddgħu. Xi nisa jistennew li dan se jkun faċli u mbagħad ma jkunux lesti għall-isfidi tal-bidu.  Min-naħa l-oħra, jista' jkun hemm kunċett żbaljat li ħafna nisa jesperjenzaw diffikultajiet bit-treddigħ, u dan jista' jikkawża tħassib eċċessiv dwar il-fattibilità tiegħu [65,66]. Nofs l-adulti fl-Istati Uniti jemmnu li omm li tredda' trid tinsa bosta drawwiet fl-istil tal-ħajja tagħha, għalhekk it-treddigħ jista' jitqies bħala theddida għal-libertà u l-indipendenza tal-ommijiet [67].

## 2.3 Analiżi tas-Sitwazzjoni

### 2.3.1. Is-Sitwazzjoni fl-Ewropa

B'mod ġenerali, ir-rati tal-bidu tat-treddigħ u r-rati tat-treddigħ sa sitt xhur żdiedu modestament f'pajjiżi varji sa mill-2002 [68]. Madankollu għad hemm nuqqasijiet fejn jidħol il-ġbir tad-dejta. Dawn jinkludu nuqqas ta' dejta nazzjonali u nuqqas ta' standardizzazzjoni tad-definizzjonijiet u l-metodi użati biex jiġu mmonitorjati r-rati u d-dewmien tat-treddigħ u għaldaqstant huwa aktar diffiċli biex isir tqabbil ta' dawn il-parametri bejn il-pajjiżi.

Il-"Baby Friendly Hopsital Initiative" (BFHI), imnedija fl-1991, hija l-istrateġija primarja ta' intervent tal-UNICEF/WHO għat-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali, reġjonali u lokali biex jipproteġu u jappoġġjaw it-treddigħ [4]. Il-BFHI għaldaqstant ġiet inkorporata fl-inizjattivi tal-aħjar prassi fis-servizzi tal-maternità mad-dinja kollha u ntwera li kull fejn ġiet applikata kien hemm titjib sinifikanti fir-rati u l-prassi tat-treddigħ. Il-WHO/UNICEF takkredita sptarijiet b'denominazzjoni ta' standard tal-kwalità "Favorevoli għat-Trabi" meta jkunu għamlu l-bidliet istituzzjonali u fil-prattiċi meħtieġa biex jissodisfaw il-kriterji stretti tal-valutazzjoni tal-inizjattiva. Sptar Favorevoli għat-Tfal (BFH) huwa faċilità tal-kura tas-saħħa fejn l-għaxar Passi għal Treddigħ b'Suċċess tal-WHO/UNICEF

huma l-istandard għall-kura tal-omm u tat-tarbija bil-għan li b'mod effettiv tipproteġi, tippromwovi u tappoġġja t-treddigħ esklussiv mit-twelid.

Kien hemm żieda fl-Isptarijiet Favorevoli għat-Trabi u l-proporzjonijiet tat-trabi li twieldu fihom, kif ukoll żieda fin-numru ta' pajjiżi li żviluppaw politika nazzjonali dwar it-treddigħ u aġġornaw linji gwida biex jipprattikawhom[4].

### 2.3.2. Is-sitwazzjoni f'Malta

#### Rati tat-Treddigħ

Studju li sar fl-2002 jirrapporta rati tat-tmigħ tat-trabi li jinkludi treddigħ esklussiv u tmigħ imħallat meta joħorġu mill-isptar u wara 30 jum mill-ħlas [69,70].

Il-mira ffissata fil-Politika Nazzjonali dwar it-Treddigħ tas-sena 2000 kienet rata ta' 90% ta' treddigħ esklussiv mal-ħruġ mill-isptar u 80% fl-età ta' erba' xhur.

Il-figuri t'hawn taħt juru d-distribuzzjoni ta' treddigħ esklussiv u mħallat fl-ewwel 48 siegħa wara t-twelid mir-Rapport Ewropew dwar is-Saħħa Perinatali 2013 [72].

**Tabella 1. Persentaġġ ta' metodi ta' tmigħ ta' trabi skont iż-żmien mit-twelid 1995-2002**

| Sena | 1995 | | 1998 | | 2000 | | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiem mit-twelid | 3 | 30 | 3 | 30 | 3 | 30 | 3 |
| Persentaġġ ta' ħalib tas-sider/tmigħ imħallat | 45% | 20% | 48% | 26% | 64% | 35% | 56% |

Dejta aktar riċenti turi żieda sinifikanti f'din ir-rata.

**Tabella 2. Persentaġġ ta' metodi ta' tmigħ ta' trabi meta joħorġu mill-isptar 2008-2014 (Sistema Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar l-Ostetriċija) [71]**

| Sena | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiem mit-twelid | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Persentaġġ ta' ħalib tas-sider/tmigħ imħallat | 66% | 71% | 68% | 70% | 71% | 71% | 71% |

**Figura 1. Treddigħ esklussiv u mħallat l-ewwel 48 siegħa wara t-twelid skont il-pajjiż (2010)** [72]




Id-dejta l-aktar riċenti dwar it-treddigħ esklussiv mal-ħruġ mill-isptar turi rata ta' madwar 58% fl-2014 (Sistema Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar l-Ostetriċija) [72]

**Figura 2. Persentaġġ ta' treddigħ esklussiv meta joħorġu mill-isptar (Sistema Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar l-Ostetriċija)** [72]



Ir-rati tat-treddigħ (esklussiv u mħallat) żdiedu minn 45% fl-1995 għal 71% fl-2012; madankollu baqgħu relattivament kostanti matul dawn l-aħħar 4 snin. Ir-rati tat-treddigħ xahar wara t-twelid żdiedu wkoll minn 20% fl-1995 għal 35% fl-2000.

Studju li ġie ppubblikat fl-2010 jirrapporta prevalenza ta' 38% ta' ommijiet li jreddgħu sa sitt xhur. Dan l-istudju sab ukoll li 50% tal-ommijiet waqfu jreddgħu minħabba pariri ħżiena mill-professjonisti tas-saħħa [73]. Jekk dan jista' jiġi rimedjat, ikun hemm titjib sinifikanti fir-rati tat-treddigħ preżenti.

Hemm rata ogħla ta' treddigħ esklussiv minn ommijiet li kisbu livelli ogħla ta' edukazzjoni (Tabella 3).

**Tabella 3: Prassi maternali tat-tmigħ fiż-żmien meta joħorġu mill-isptar skont l-edukazzjoni 2012-2013 (NOIS)[72]**

| Edukazzjoni tal-omm | Sider biss | | Flixkun biss | | Tmigħ imħallat | | Oħrajn/ mhux magħruf | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru. | % | Nru. | % | Nru. | % | Nru. | % | |
| Edukazzjoni primarja u sekondarja | 1541 | 44.0 | 1546 | 44.1 | 387 | 11.0 | 30 | 0.9 | 3504 |
| Edukazzjoni s-sekondarja u mhux terzjarja | 1122 | 62.6 | 419 | 23.4 | 242 | 13.5 | 8 | 0.4 | 1791 |
| Terzjarja | 1943 | 74.0 | 296 | 11.3 | 371 | 14.1 | 17 | 0.6 | 2627 |
| Mhux magħrufa | 202 | 62.0 | 59 | 18.1 | 48 | 14.7 | 17 | 5.2 | 326 |

### Dispożizzjonijiet statutorji

Il-Kodiċi tal-Ġestjoni tas-Servizz Pubbliku (PSMC) [74] jirregola l-impjieg tal-impjegati tas-servizz ċivili. Ikopri l-liv statutorju mħallas u liv ieħor tal-maternità, l-użu u d-disponibbiltà ta' faċilitajiet għat-treddigħ u liv tal-paternità.

Malta diġà għandha stabbilita l-leġiżlazzjoni li tirregola l-kummerċjalizzazzjoni ta' sostituti tal-ħalib tas-sider – Ir-Regolamenti dwar il-Formuli għat-Trabi u Formuli ta' Prosegwiment (SL 449.52) [75] li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Ewropea 2006/14/KE f'dan ir-rigward.

### Politika u Governanza

Il-Kumitat ta' Tmexxija dwar it-Treddigħ fi ħdan l-Isptar Mater Dei (MDH) huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-Isptarijiet Favorevoli għat-Trabi. Il-Kumitat huwa magħmul minn pedjatri, qwiebel, infermiera, ostetriċi u amministraturi tal-isptar. Skont l-Għaxar Passi għal Treddigħ b'Suċċess, il-Kumitat żviluppa politika tal-isptar b'linji gwida u implimenta taħriġ obbligatorju dwar l-immaniġġjar tat-treddigħ għall-persunal li jaħdem fis-settur tal-maternità. Barra din il-politika, il-Kumitat fassal bosta proċeduri ta' operat standard b'rispons għal problemi speċifiċi li kienu meqjusa li jeħtieġu pjani ta' mmaniġġjar individwali.

### Servizzi disponibbli

L-appoġġ għat-treddigħ huwa disponibbli matul it-tqala kif wkoll meta l-omm u t-tarbija l-ġdida joħorġu mill-isptar.

#### *Parentcraft Services fi dan MDH*

Kull sena madwar 2,800 omm jew koppja (madwar 65% tal-ommijiet tqal) jagħmlu użu ta' dan is-servizz ta' appoġġ u edukazzjoni dwar it-tqala u l-ħlas. Is-servizzi huma bla ħlas u fl-ewwel żjara tagħhom l-ommijiet jingħataw formola biex japplikaw għas-servizz ta' kura waqt it-tqala. Is-servizz jaċċetta wkoll referenzi awtomatiċi minn ommijiet fi kwalunkwe stadju matul it-tqala.

Il-korsijiet Parentcraft jinkludu: Korsijiet mill-bidu tat-tqala (li jibdew minn għaxar ġimgħat ta' tqala) u Korsijiet dwar il-Ħlas (li normalment jibdew minn 28 - 30 ġimgħa ta' tqala). Dawn tal-aħħar huma wkoll disponibbli għal klijenti li jitkellmu bl-Ingliż, ġenituri li kellhom tfal oħra (*refresher*) u klijenti fl-età tal-iskola (li jsiru f'Għożża). Il-missirijiet huma mħeġġa li jattendu, filwaqt li jsiru sessjonijiet speċjali għall-

"missirijiet biss" sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċjali tagħhom. Jiġu organizzati wkoll korsijiet speċjali għal dawk it-tfajliet żgħażagħ li se jsiru ommijiet, bi stediniet speċjali għaż-żewġ settijiet ta' nanniet. Dan il-kors huwa separat minn dak li jsir f'Għożża għal dawk it-tfajliet fl-età tal-iskola li se jsiru ommijiet. Korsijiet speċifiċi oħra jiġu offruti lill-ġenituri li qed jistennew aktar minn tarbija waħda, jew għal koppji qabel adozzjoni.

Il-Kors tat-Tqala fih sessjoni ta' tliet sigħat dwar it-treddigħ inkluż il-benefiċċji, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi, it-teknika u l-qabda tajba u l-appoġġ u l-użu tal-klinika tat-treddigħ. Barra dan, issa qed jiġu offruti sessjonijiet speċjali lin-nanniet fejn il-benefiċċji u l-isfidi tat-treddigħ qed jiġu diskussi flimkien mal-importanza tal-appoġġ.

Sessjonijiet individwali jiġu offruti lil klijenti bi bżonnijiet speċjali, bħal dawk li għandhom is-sieħeb imsiefer, ommijiet mhux miżżewġa bi problemi, problemi soċjali, abbuż tad-droga, intelliġenza baxxa u klijenti bi problemi fis-smigħ jew fit-taħdit.

Regolarment, isiru wkoll sessjonijiet oħrajn flimkien ma' Dipartimenti oħrajn. Dawn jinkludu sessjonijiet dwar kura dentali, standards taċ-ċentri tal-kura tat-tfal, ġbir ta' *stem cells*, u l-iżvilupp tat-taħdit u tal-lingwa.

### *MDH Breastfeeding Walk-in Clinic*

Il-*Breastfeeding Walk-in Clinic* tipprovdi servizz ċentralizzat ta' tim ta' qwiebel imħarrġa fit-treddigħ biex jipprovdu appoġġ kontinwu lil ommijiet li qed ireddgħu. Fl-2014, kien kemm aktar minn 8,000 vista f'din il-klinika. It-trabi mreddgħin kollha jingħataw appuntament fi żmien 72 siegħa wara li joħorġu mill-isptar sabiex jiġi żgurat li t-treddigħ huwa stabbilit u li t-tarbija tibda żżid il-piż. Appuntamenti ta' segwitu jingħataw sakemm jerġa' jintlaħaq il-piż tat-twelid, bil-frekwenza taż-żjarat determinata mic-ċirkostanzi individwali. Il-klinika tmexxi wkoll servizz *walk-in* fejn ommijiet jistgħu jmorru minn jeddhom u għandhom l-opportunità li jattendu meta u kif jeħtieġu. Dan jiżgura li l-problemi bit-tmigħ jista' jkollhom intervent bikri u għajnuna dejjem għaddejja.

Il-qwiebel tal-*Walk-in Clinic* huma wkoll konsulenti dwar it-treddigħ għas-swali tal-isptar skont il-ħtieġa tal-ommijiet li jkollhom bżonn kura aktar speċjalizzata meta jibdew ireddgħu.

### *Is-Servizz ta' Discharge Liaison Midwifery*

Is-Servizz ta' *Discharge Liaison Midwifery (DLM)* huwa bbażat fl-MDH, GGH u fi ħdan il-komunità. Id-DLMs jiltaqgħu mal-ommijiet kollha u l-familja tagħhom għall-ewwel darba fl-isptar, fi żmien l-ewwel 24 siegħa wara ħlas vaġinali normali u fit-tieni jum għal dawk l-ommijiet li ħelsu permezz ta' ċesarja. Issir valutazzjoni dettaljata fuq l-ommijiet kollha fejn jiġu identifikati l-bżonnijiet individwali tal-omm u l-adattament tagħha għall-ħajja ta' ġenitur, sabiex jiġi evalwat kif l-omm se timmaniġġja ladarba tkun id-dar. L-omm ikollha tliet żjarat id-dar, l-ewwel żjara l-għada li toħroġ mill-isptar u t-tnejn l-oħra skont is-servizz u l-ħtiġijiet tal-familja. Matul kull żjara, l-omm u t-tarbija jiġu evalwati b'mod olistiku u jiġi kkunsidrat l-ambjent tad-dar. L-aspetti kollha tal-kura wara t-twelid jiġu kkunsidrati matul kull żjara flimkien mal-provvediment ta' appoġġ u edukazzjoni għall-ġenituri dwar l-adattament għall-ħajja ta' ġenituri. L-ommijiet jiġu segwiti bit-telefown bejn iż-żjarat fejn ikun hemm problemi li jeħtieġu appoġġ addizzjonali. It-tmigħ tat-trabi jagħmel parti importanti ta' dawn iż-żjarat fejn ħafna ommijiet ikunu jeħtieġu xi ftit gwida matul l-ewwel jiem meta jirrikonoxxu li t-tmigħ sejjer tajjeb. Is-Servizz DLM jaħdem mill-qrib mal-Breastfeeding Clinic biex jappoġġja lill-ommijiet u jirreferihom kif meħtieġ.

### *Is-Servizz tal-Malta Memorial District Nursing Association*

Il-*Malta Memorial District Nursing Association* (M.M.D.N.A) hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li toffri servizzi komunitarji ta' infermiera u qwiebel lill-Għejjer Maltin kollha, kemm lill-membri tal-Assoċjazzjoni, kif ukoll lill-komunità Maltija kollha f'isem il-Ministeru tas-Saħħa. Is-servizz ta' qwiebel fid-dar wara t-twelid jikkonsisti fi tliet żjajjar minn qabla tal-M.M.D.N.A lill-omm u lit-tarbija tagħha wara li joħorġu mill-Isptar, inkluż it-tieni jum wara li joħorġu. Jekk ikun għad hemm problemi pendenti wara t-tielet żjara, isiru żjarat addizzjonali. Matul dawn iż-żjarat wara t-twelid, minbarra li teżamina lill-omm u lit-tarbija tagħha, il-qabla twieġeb kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollha l-omm.

*Is-Servizz Għożża fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi*

Is-Servizz Għożża jipprovdi servizz ta' appoġġ u programm edukattiv għal minorenni tqal mhux miżżewġa, li jwassalhom biex jadottaw attitudni pożittiva lejn il-maternità filwaqt li jattrezzhom biex ikomplu jsegwu l-karriera tagħhom.

*Servizzi mill-Assoċjazzjoni ta' Konsulenza dwar it-Treddigħ*

L-Assoċjazzjoni ta' Konsulenza dwar it-Treddigħ fi ħdan il-Moviment Kana hija NGO magħmula minn ommijiet li tħarrġu bħala konsulenti dwar it-treddigħ. Huma jipprovdu żewġ sessjonijiet ta' sagħtejn bla ħlas lill-ommijiet tqal u lill-familji tagħhom. Ommijiet ġodda jingħataw ukoll materjal stampat dwar it-treddigħ. Il-konsulenti huma wkoll disponibbli għall-ommijiet ġodda permezz tal-posta elettronika, għajnuna fuq it-telefown u permezz ta' żjarat id-dar. Il-konsulenti jattendu sessjonijiet ta' taħriġ regolari u jmexxu madwar tmien sessjonijiet fis-sena, li jilħqu madwar 100 omm.

*Servizzi pprovduti mis-Settur Privat*

Hemm għadd ta' entitajiet privati li joffru bi ħlas, kura waqt it-tqala, sessjonijiet dwar ħiliet għall-ġenituri u kura qabel it-twelid fi ħdan il-komunità.

**Riżorsi umani u taħriġ**

Il-Kors għall-Immaniġġjar tat-Treddigħ huwa kors obbligatorju għall-qwiebel u l-infermiera li jaħdmu f'ambjenti ta' maternità. Il-kors ġie offrut ukoll lill-qwiebel li jaħdmu fil-komunita u infermiera pedjatriċi, għalkemm f'dawn l-oqsma il- kors mhux obbligatorju. Il-kors jikkonsisti fi tmien sessjonijiet ta' tliet sigħat u jiffoka fuq l-immaniġġjar ta' ommijiet li jreddgħu. L-attendenza għas-sessjonijiet kollha hija neċessarja biex jinkiseb ċertifikat li jingħata biss wara li tintemm b'suċċess sessjoni ta' valutazzjoni prattika ta' tliet sigħat li ssir fil-*Breastfeeding Walk-in Clinic*.

It-taħriġ fl-universita għal studenti tal-mediċina jsir fil-perjodu ta' taħriġ kliniku fid-Dipartimenti tal-Ostetriċija u l-Ġinekoloġija u l-Pedjatrija.

Qed isir bi prova kors dwar it-treddigħ għall-qwiebel u l-infermiera wara li dan ġie offrut lill-qwiebel li jaħdmu fil-*Breastfeeding Clinic* u 'l-qwiebel u 'l-infermiera fil-Kumitat ta' Tmexxija dwar it-Treddigħ. Jekk dan il-kors bi prova jirnexxi, se jiġi estiż lid-dipartiment tal-maternità kollu.

Il-Kors tal-Baċellerat fix-Xjenza tal-Professjoni tal-Qwiebel offrut mill-Università ta' Malta ġie adattat biex isegwi l-kriterji tal-Unjoni Ewropea għall-edukazzjoni professjonali fil-professjoni tal-qwiebel. Issa hemm inkluż modulu intitolat 'Tendenzi fit-Tmigħ ta' Trabi' li għandu perjodu kliniku fil-*Breastfeeding Walk-in Clinic*. Wara li jikkwalifikaw, il-qwiebel iqattgħu l-ewwel snin tas-servizz fuq rotazzjoni fi ħdan id-dipartiment tal-maternità u dan issa jinkludi l-*Breastfeeding Clinic* bil-għan li jipprovdi prassi tajba li jistgħu jittieħdu fis-swali tal-isptar.

Kapitlu 3

# Viżjoni, Għanijiet u Objettivi tal-Politika



### Viżjoni
Biex it-treddigħ jerġa' jiġi stabbilit bħala l-għażla ppreferuta tat-tmigħ għat-trabi kollha fl-ewwel xhur tal-ħajja.

### Għanijiet
Din il-politika għandha l-għan li tipproteġi, tappoġġja u tippromwovi t-treddigħ għall-ewwel sitt xhur tal-ħajja u wara dan biex it-treddigħ jitkompla bi tmigħ supplimentari xieraq, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet l-aktar riċenti mill-WHO, il-UNICEF u l-Kummissjoni Ewropea.

### Objettivi
L-objettiv ta' din il-politika huwa biex jinħoloq l-ambjent ta' appoġġ neċessarju u tittejjeb il-kultura xierqa biex tiġi faċilitata l-għażla tal-individwu għat-treddigħ u b'hekk jinkiseb it-tmigħ ideali tat-trabi u t-tfal żgħar billi jappoġġja lill-ommijiet kollha li jiddeċiedu li jreddgħu dwar:

- kif jibdew it-treddigħ,
- kif imantnu t-treddigħ esklussivament għall-ewwel sitt xhur, u,
- kif ikomplu bit-treddigħ bl-ikel supplimentari xieraq sa sentejn u aktar 'il quddiem, jew għal kemm jixtiequ l-omm u t-tarbija.

Kapitlu 4

# Inizjattivi tal-Politika



**Inizjattivi tal-Politika**

It-treddigħ jibqa' għażla li kulħadd għandu jirrispetta, jipproteġi u jgħin lill-familji jwettqu. Il-politika f'ebda mod m'għandha tiġi kkunsidrata li qed tobbliga lill-ommijiet biex ireddgħu. Li ssir pressjoni mhux dovuta fuq l-ommijiet biex ireddgħu mhix aċċettabbli daqs kemm mhix aċċettabbli li ssir pressjoni fuqhom biex jagħżlu tmigħ bit-trab tal-ħalib għat-trabi

## 4.1. Leġiżlazzjoni u politiki li jirregolaw il-kummerċjalizzazzjoni tas-sostituti tal-ħalib tas-sider

*Sommarju: L-industrija, l-istituzzjonijiet u l-ħaddiema tas-saħħa, soċjali u dawk allejati magħhom li jieħdu ħsieb l-ommijiet, it-trabi u t-tfal żgħar għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet kollha tal-liġijiet lokali.*

**4.1.1** Tiżgura li l-leġiżlazzjoni lokali eżistenti tkun osservata

**4.1.2** Tinforma lill-professjonisti tas-saħħa qabel u wara l-gradwazzjoni u lil dawk li joffru servizzi tas-saħħa, inklużi spiżjara, dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni lokali

**4.1.3** Tqassam l-informazzjoni lill-pubbliku dwar il-prinċipji, l-għanijiet u l-provvedimenti tal-leġiżlazzjoni lokali, dwar l-proċeduri għall-monitoraġġ ta' konformità mal-liġijiet u dwar kif ksur ta' liġi jiġi ċċensurat.

**4.1.4** Tiżviluppa kodiċi ta' etika li jkopri l-kriterji biex individwi u istitutuzzjonijiet jaċċettaw sponser għal korsijiet, materjal edukattiv, riċerka, konferenzi u attivitajiet u avvenimenti oħra, biex jiġu evitati kunflitti ta' interess li huma magħrufa li jaffettwaw it-treddigħ b'mod ħażin.

## 4.2. Sabiex titħeġġeġ politika dwar it-treddigħ fl-isptarijiet ibbażata fuq il-prinċipji tal-Inizjattiva ta' Sptarijiet Favorevoli għat-Trabi (BFHI)

*Sommarju: L-isptarijiet, l-unitajiet tal-maternità u l-faċilitajiet fil-kura tas-saħħa primarja għandhom jadottaw u jimplimentaw strateġiji effettivi għall-protezzjoni, il-promozzjoni, u l-appoġġ tat-treddigħ kif spjegat fl-Inizjattiva tal-Isptarijiet Favorevoli għat-Trabi, (inizjattiva konġunta tal-WHO/UNICEF)[4].*

**4.2.1** Tiżgura li l-istabbilimenti tal-kura tas-saħħa tal-gvern u privati, assoċjazzjonijiet professjonali u NGOs rilevanti jimplimentaw il-BFHI bħala standard għall-aħjar prassi

**4.2.2** Tiżgura li l-gvern, l-istabbilimenti tal-kura tas-saħħa, assoċjazzjonijiet professjonali u NGOs rilevanti jimplimentaw il-BFHI bħala standard għall-aħjar prassi, u li l-istituzzjonijiet u l-kull min joffri servizz ta' maternità u ta' kura tat-tfal, isegwu l-għan li jiksbu u jmantnu d-denominazzjoni 'Favorevoli għat-Trabi'

**4.2.3** Iħeġġu lill-istituzzjonijiet u l-kull min joffri servizz ta' maternità u ta' kura tat-tfal biex isegwu l-għan li jiksbu u jmantnu d-denominazzjoni 'Favorevoli għat-Trabi'

**4.2.4** Jiżguraw riżorsi adegwati (fondi, persunal u ħin) u appoġġ tekniku għat-taħriġ, bidla fil-prassi, il-valutazzjoni u l-valutazzjoni mill-ġdid ta' sptarijiet ibbażata fuq konformità mal-BFHI

**4.2.5** Tinkorpora l-kisba tal-kriterji kollha tal-BFHI fl-istandards għall-akkreditazzjoni tal-kwalità għal kull min joffri servizz ta' maternità u ta' kura tat-tfal. Il-Kriterji Globali għall-Inizjattiva tal-Isptarijiet Favorevoli għat-Trabi sservi bħala l-istandard biex titkejjel l-aderenza lejn kull wieħed mill-Għaxar Passi għal Treddigħ b'Suċċess

**4.2.6** Tiżviluppa approċċ sistematiku biex titwassal informazzjoni dwar it-treddigħ matul il-kura waqt it-tqala, konsistenti mal-passi rilevanti tal-BFHI

**4.2.7** Ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-isptarijiet u faċilitajiet oħrajn tal-kura tas-saħħa u soċjali u gruppi ta' omm-lil-omm sabiex jiġi żgurat li jingħata l-aħjar appoġġ u konsulenza dwar it-treddigħ, speċjalment matul il-ġimgħat kruċjali ta' wara t-twelid

**4.2.8** Tiżviluppa u timplimenta l-prinċipji tal-Inizjattiva tal-Isptarijiet Favorevoli għat-Trabi f'oqsma oħra minbarra sptarijiet tal-maternità, biex jiġu inklużi ambjenti għall-kura tas-saħħa fil-kommunita, ambjenti ta' servizzi soċjali allejati mas-saħħa, sptarijiet pedjatriċi, kliniċi tat-tobba, spiżeriji u postijiet tax-xogħol

## 4.3. Taħriġ ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa fil-promozzjoni u l-immaniġġjar tat-treddigħ

*Sommarju: Il-ħaddiema tas-saħħa, soċjali u dawk allejati magħhom li jieħdu ħsieb lill-ommijiet, lit-trabi u lit-tfal żgħar għandhom jirċievu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp ta' ħiliet meħtieġa biex jimplimentaw din il-politika*

**4.3.1** Tiġi żgurata li riżorsi adegwati u appoġġ tekniku għat-taħriġ u l-bidliet neċessarji fil-prattika jiġu pprovduti sabiex is-servizzi tas-saħħa fil-kommunità u s-sevizzi soċjali għan-nisa, it-trabi u t-tfal żgħar, jippromwovu u jappoġġjaw it-treddigħ b'mod effettiv

**4.3.2** Jiġi żgurat li l-ħaddiema tas-saħħa, soċjali u dawk allejati magħhom li jieħdu ħsieb lill-ommijiet, lit-trabi u lit-tfal żgħar ma jirrakkomandawx it-tmigħ bit-trab tal-ħalib għat-trabi bħala alternattiva jew suppliment għat-treddigħ, sakemm m'hemmx raġunijiet mediċi leġittimi biex isir dan

**4.3.3** Teżamina standard minimu (kontenut, metodi, ħin) u kompetenzi għal kurrikuli ta' taħriġ qabel u wara l-gradwazzjoni dwar it-treddigħ u l-immaniġġjar tiegħu  għall-ħaddiema tas-saħħa rilevanti

**4.3.4** Fil-korsijiet jintużaw kotba u materjal ta' taħriġ li huma konformi mal-kurrikuli standard aġġornati u l-politiki u l-prassi rakkomandati

**4.3.5** Jiġi żgurat li dan it-taħriġ joħloq għarfien fost il-ħaddiema tas-saħħa u dawk soċjali dwar il-fatt li l-perċezzjonijiet u l-esperjenza tat-treddigħ huma marbuta mill-qrib mal-isfond kulturali u reliġjuż u mal-esperjenzi tal-ħajja

**4.3.6** Tiġi offruta edukazzjoni interdixxiplinari kontinwa bbażata fuq il-linji gwida tal-WHO/UNICEF jew korsijiet oħra bbażati fuq l-evidenza dwar it-treddigħ u l-immaniġġjar tiegħu, bħala parti mill-edukazzjoni ta' introduzzjoni u dik mogħtija waqt ix-xogħol għall-persunal  rilevanti kollu fil-kura tas-saħħa, b'enfasi partikolari fuq il-persunal ta' quddiemnett fl-oqsma tal-maternità u l-kura tat-tfal, inkluż l-infermiera li jaħdmu fil-kommunita

**4.3.7** Jiġi eżaminat il-materjal tat-taħriġ li għandu jintuża għal edukazzjoni interdixxiplinari kontinwa bħal din, fejn jiġi żgurat li l-materjal u l-korsijiet mhumiex influwenzati minn manifatturi u distributuri ta' prodotti fl-ambitu tal-Kodiċi Internazzjonali

**4.3.8** Il-ħaddiema rilevanti fil-kura tas-saħħa jiġu mħeġġa biex jattendu korsijiet akkreditati dwar l-immaniġġjar tat-treddigħ u biex jiksbu ċertifikazzjoni li ntweriet li tissodisfa l-kriterji tal-aħjar prassi għall-kompetenza

**4.3.9** Jitħeġġeġ netwerking fost l-ispeċjalisti tat-treddigħ sabiex jiżdiedu l-għarfien u l-ħiliet

**4.3.10** Jiġi żgurat li l-appoġġ għat-treddigħ pprovdut bil-ħila mill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, ħaddiema soċjali allejati magħhom u voluntiera minn omm-lil-omm jibni l-kunfidenza u jagħti kompetenza lill-ommijiet u lill-familji tagħhom

## 4.4. L-iżvilupp ta' strateġiji għall-promozzjoni u l-appoġġ tat-treddigħ fil-komunità

### 4.4.1. Qabel it-twelid

**4.4.1.1** Jiġi żgurat li n-nisa tqal u l-ommijiet kollha jiġu mgħallma u jingħataw konsulenza individwali dwar it-tmigħ ideali tat-trabi u t-tfal żgħar fi klassijiet/kliniċi ta' qabel it-twelid u wara t-twelid tat-tarbija tagħhom

**4.4.1.2** Il-ġenituri kollha li qed jistennew tarbija jiġu pprovduti b'informazzjoni objettiva dwar it-tmigħ tat-tarbija bbażata fuq evidenza (jiġifieri indipendenti minn interessi kummerċjali) sabiex jiġi żgurat li jieħdu deċiżjoni infurmata

### 4.4.2. Child-birth

**4.4.2.1** Jiġi promoss appoġġ għall-ħlas li jkun favorevoli għall-ġenituri u li jkun kompetenti u sensittiv għall-kulturi diversi, u li jħeġġeġ lill-ommijiet biex imissu, iżommu, ireddgħu u jieħdu ħsieb it-trabi tagħhom kull meta jkun possibbli

### 4.4.3. Wara t-twelid

**4.4.3.1** Tiġi promossa bidla kulturali li tkisser l-isterjotipar sesswali u tippromwovi l-qsim tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel

**4.4.3.2** Il-missirijiet u l-familjari jiġu involuti biex jiġi żgurat appoġġ xieraq għall-ommijiet hekk kif imorru d-dar

**4.4.3.3** Jiġi żgurat li n-nisa li jwaqqfu t-treddigħ qabel ma jkunu ppjanaw li jagħmlu dan jiġu mħeġġa biex jeżaminaw għaliex ġara dan, sabiex inaqqsu s-sentimenti ta' telf jew nuqqas li jistgħu jesperjenzaw, u jiġu megħjuna biex ireddgħu aktar fit-tul f'każ ta' tarbija oħra

**4.4.3.4** Jiġi żgurat li ommijiet li jiddeċiedu li ma jreddgħux ma jħossuhomx li jħobbu lit-tfal tagħhom inqas jew iħossuhom ħatja u jiġu identifikati r-raġunijiet għal għażla bħal din li possibbilment jiġu indirizzati fl-iżvilupp ta' politika futura

**4.4.3.5** Jiġi żgurat li ommijiet b'diffikultajiet partikolari tat-treddigħ jiġu megħjuna individwalment minn konsulenti mħarrġa

**4.4.3.6** Jiġi żgurat li l-ommijiet kollha jkollhom aċċess bla ħlas għal servizzi ta' appoġġ tat-tmigħ ta' trabi u tfal żgħar, inkluż servizzi ta' konsulenti tat-treddigħ ikkwalifikati b'mod xieraq, jew persunal tal-kura tas-saħħa ugwalment kompetenti, jekk tinqala' problema

**4.4.3.7** L-ommijiet ta' trabi morda jew li twieldu qabel iż-żmien jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jiġi żgurat li jistgħu jmantnu t-treddigħ tagħhom u jkollhom biżżejjed ħalib tas-sider għall-bżonnijiet tat-tarbija tagħhom jew jiġu pprovduti b'ħalib tas-sider san u bla ħlas mingħand donaturi

**4.4.3.8** Jiġi żgurat li, qabel ma t-tarbija tagħhom tilħaq is-sitt xhur, il-ġenituri kollha jirċievu informazzjoni u parir dwar prodotti tal-ikel supplimentari xierqa, u meta u kif dawn għandhom jiddaħħlu fid-dieta tat-tarbija, waqt li jitkompla t-treddigħ

**4.4.3.9** Jiġi żgurat li, wara sitt xhur, il-ġenituri kollha jingħataw parir biex jintroduċu u bil-mod il-mod iżidu l-frekwenza, il-konsistenza u l-varjetà ta' prodotti tal-ikel san tal familja, adattat għar-rekwiżiti u l-ħiliet tat-tarbija, filwaqt li jevitaw xarbiet biz-zokkor u xarbiet b'valur nutrittiv baxx

### 4.4.4. Fil-komunità

**4.4.4.1** Tiżdied il-kuxjenza fost il-popolazzjoni ġenerali dwar il-benefiċċji tat-treddigħ, inkluż l-irwol tal-missier u membri oħra tal-familja fl-appoġġ lill-omm li tredda'

**4.4.4.2** Titħeġġeġ kultura ta' treddigħ, billi l-livell ta' responsabbiltà jitmexxa minn dak tal-individwu għal dak tal-komunità, billi jiġu promossi prattiċi u attitudnijiet li jippromwovu t-treddigħ u l-ugwaljanza bejn is-sessi

**4.4.4.3** Jitħeġġew politiki u faċilitajiet favorevoli għat-treddigħ fil-postijiet tax-xogħol u f'żoni tas-servizzi u faċilitajiet pubblici, sabiex jiġi protett id-dritt tan-nisa biex ikomplu jreddgħu għat tul ta' żmien mixtieq

**4.4.4.4** Jiġu żviluppati faċilitajiet xierqa fil-postijiet tax-xogħol u fil-komunità bħal kmamar għat-treddigħ, sabiex tiġi ffaċilitata l-attività soċjali normali tal-omm li qed tredda'

**4.4.4.5** Jiġi identifikat u indirizzat l-appoġġ partikolari, l-informazzjoni u l-ħiliet meħtieġa għall-ommijiet bl-ewwel tarbija, immigranti, adolexxenti, ommijiet mhux miżżewġa, nisa bi ftit skola u oħrajn fis-soċjetà, li bħalissa huma inqas probabbli li jreddgħu, inklużi ommijiet b'esperjenzi preċedenti ta' treddigħ diffiċli jew li ma rnexxiex, u ommijiet ta' trabi u tfal żgħar li ngħataw trab tal-ħalib għat-trabi

**4.4.4.6** Jintużaw ġimgħat internazzjonali u nazzjonali għal ħolqien ta' kuxjenza dwar it-treddigħ bħala opportunità biex jiġi stimulat dibattitu pubbliku f'ambjenti differenti u fil-midja, biex titqajjem kuxjenza u tiġi promossa kultura tat-treddigħ fis-soċjetà

**4.4.4.7** Jiġu mmonitorjati, infurmati u wżati s-sezzjonijiet kollha tal-midja għall-promozzjoni u l-appoġġ tat-treddigħ u biex jiġi żgurat li dan dejjem jiġi muri bħala normali u mixtieq

**4.4.4.8** Tingħata informazzjoni u appoġġ xieraq lill-ommijiet li qed ireddgħu, lis-sieħba u lill-familjari tagħhom, inkluż id-dettalji ta' kif jagħmlu kuntatt ma' netwerks magħrufa ta' appoġġ għat-treddigħ, kemm statutorji kif ukoll volontarji

**4.4.4.9** Jiġi mħeġġeġ l-appoġġ tal-familja permezz ta' edukazzjoni pubblika u inizjattivi lokali u permezz ta' programmi komunitarji bbażati fuq il-kollaborazzjoni bejn kull min joffri servizzi fil-kommunita, kemm dawk volontarji kif u statutorji

**4.4.4.10** Inizjattivi għat-treddigħ jiġu kkoordinati ma' pjani u attivitajiet oħra tas-saħħa pubblika u l-promozzjoni tas-saħħa

**4.4.4.11** Il-partijiet interessati, inkluż il-midja, jiġu imħeġġa biex jippromwovu t-treddigħ bħala l-mod naturali għat-tmigħ

**4.4.4.12** Jiġu identifikati u indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni għal membri oħra tal-familja u qraba, eż. il-missier tat-tarbija/sieħeb l-omm, l-aħwa, in-nanniet tat-tarbija, eċċ.

**4.4.4.13** Titħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn il-ħaddiema tas-saħħa, il-konsulenti tat-treddigħ, fornituri oħra tas-servizz u gruppi oħra ta' appoġġ fil-komunità

### 4.4.5. Gruppi ta' appoġġ

**4.4.5.1** Jitħeġġeġ it-twaqqif u ż-żieda fil-kopertura tas-servizzi ta' appoġġ ipprovdut minn ommijiet oħra li jkunu ġew mħarrġa u gruppi ta' appoġġ minn omm-għal-omm, partikolarment fi gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi u komunitajiet marġinalizzati, fejn in-nisa huma inqas probabbli li jreddgħu

**4.4.5.2** Jiġi żviluppat jew eżaminat/aġġornat kurrikulu (kontenut, metodu, materjal, ħin) għal taħriġ ta' ommijiet bħala konsulenti dwar l-appoġġ għat-treddigħ u għal gruppi ta appoġġ minn omm-għal-omm

**4.4.5.3** Tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-ħaddiema tas-saħħa bbażati f'oqsma differenti tas-saħħa u konsulenti ommijiet mħarrġa u gruppi ta' appoġġ minn omm-għal-omm

### 4.4.6. Fuq il-post tax-xogħol

**4.4.6.1** Jimxu lejn sitwazzjoni fejn l-ommijiet kollha fil-post tax-xogħol bil-ħlas, irrispettivament min-natura tal-impjieg tagħhom, ikollhom l-appoġġ u l-protezzjoni neċessarja fuq il-post tax-xogħol sabiex imantnu t-treddigħ esklussiv sa sitt xhur u biex ikomplu jreddgħu wara dan, skont ix-xewqat tal-omm u t-tarbija

**4.4.6.2** Jiġi żgurat li dawk li jħaddmu, il-ħaddiema tas-saħħa u l-pubbliku jkunu infurmati bis-sħiħ dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-maternità u dwar s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam ma' nisa tqal u li qed ireddgħu

**4.4.6.3** Dawk li jħaddmu jiġu informati dwar il-benefiċċji għalihom u għall-impjegati tagħhom li qed ireddgħu, jekk jiġi ffaċilitat it-treddigħ wara r-ritorn fil-post tax-xogħol, u tingħata gwida dwar il-faċilitajiet meħtieġa biex jiġi żgurat li dan ikun possibbli permezz ta' inċentivi varji bħal sigħat flessibbli, ħin liberu, u faċilitajiet għat-treddigħ jew għall-ġbid u l-ħażna tal-ħalib tas-sider

## 4.5. L-iffissar ta' miri, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' din il-politika

**4.5.1** Tingabar dejta komprensiva fil-ħin u eżatta, dwar rati u prattiċi tat-treddigħ, permezz ta' definizzjonijiet u metodi standard miftiehma, għall-użu fl-ippjanar, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-riċerka operazzjonali

**4.5.2** Minbarra r-rati tat-treddigħ, tinġabar informazzjoni marbuta ma' l-età tal-omm, l-edukazzjoni u l-istatus soċjoekonomiku biex tgħin fl-identifikazzjoni tal-firxa u n-natura tal-inugwaljanzi fil-prevalenza tat-treddigħ

**4.5.3** Jiġi b'mod regolari mmonitorjat il-progress u perjodikament jiġu evalwati r-riżultati tal-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għat-Treddigħ

**4.5.4** Jiġu mmonitorjati l-għarfien, l-attitudnijiet u l-imġiba dwar it-treddigħ fis-soċjetà sabiex jittieħed approċċ aktar infurmat biex it-treddigħ jiġi promoss, appoġġjat u protett b'mod effettiv

**4.5.5** Tiġi mmonitorjata l-kopertura u l-effettività tat-taħriġ tal-ħaddiema waqt ix-xogħol

**4.5.6** Jitfasslu protokolli u jiġu instigati proċeduri għall-valutazzjoni regolari ta' prattiċi fl-isptarijiet u fil-kura primarja tas-saħħa, ibbażati fuq il-kriterji standard tal-aħjar prassi hekk kif żviluppati għall-BFHI

**4.5.7** Jibda jingħata *feedback* ta' rutina mill-pazjent/klijent permezz ta' stħarriġ ta' verifika u sodisfazzjon biex tiġi ddeterminata l-kwalità tal-informazzjoni u l-appoġġ għat-treddigħ ipprovdut mill-fornituri tas-servizzi ta' maternità u dawk pedjatriċi u tal-prattiċi fil-kura primarja tas-saħħa

**4.5.8** Jiġu assenjati riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-protezzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ tat-treddigħ

Kapitlu 5

# Monitoraġġ u Riċerka



## 5.1. Jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Politika u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Treddigħ

L-indikaturi li għandhom jintużaw biex jimmonitorjaw din il-politika huma bbażati fuq l-indikaturi stabbiliti mill-WHO, għall-evalwazzjoni ta' prattiċi tat-tmigħ ta' trabi u tfal żgħar [76].

Il-kriterji li jiddefinixxu l-prattiċi tat-tmigħ tat-trabi magħżula huma spjegati hawn taħt:

1. Bidu bikri tat-treddigħ: proporzjon ta' tfal li twieldu fl-aħħar 24 xahar li tpoġġew mas-sider fi żmien siegħa mit-twelid

2. Treddigħ esklussiv taħt is-sitt xhur: proporzjon ta' trabi ta' bejn 0-5 xhur li jingħataw ħalib tas-sider esklussivament

3. Treddigħ kontinwu sa sena: proporzjon ta' tfal minn 12-15-il xahar li jingħataw ħalib tas-sider matul il-jum preċedenti

| Kategorija tat-tmigħ tat-tarbija* | Jeħtieġ li t-tarbija tirċievi | Tippermetti li t-tarbija tirċievi | Ma tippermettix li t-tarbija tirċievi |
|---|---|---|---|
| Treddigħ esklussiv (EBF) | Ħalib tas-sider, inkluż ħalib tas-sider miġbud jew imreddgħa | Qtar, ġuleppi (vitamini, minerali, mediċini) | Kull ħaġa oħra |
| Treddigħ Predominanti (PBF) | Dan t'hawn fuq ikun s-sors predominant ta' nutrizzjoni | Bħal t'hawn fuq flimkien ma' likwidi (ilma, xarbiet ibbażati fuq l-ilma, meraq tal-frott, fluwidi ritwali) | Kull ħaġa oħra (b'mod partikolari, ħalib mhux tal-bniedem, fluwidi bbażati fuq prodotti tal-ikel) |
| Treddigħ flimkien ma' Ikel supplimentari (CBF)** | Ħalib tas-sider u prodotti tal-ikel solidu jew semisolidu jew ħalib mhux tal-bniedem | Kwalunkwe prodott tal-ikel jew likwidu inkluż ħalib mhux tal-bniedem | |
| Bla treddigħ (NBF) | Ebda ħalib tas-sider | Kwalunkwe prodott tal-ikel jew likwidu inkluż ħalib mhux tal-bniedem | Ħalib tas-sider, inkluż ħalib tas-sider miġbud jew imreddgħa |

* Is-somma ta' EBF+PBF tissejjaħ treddigħ sħiħ (FBF). * Is-somma ta' EBF+PBF+CBF tissejjaħ treddigħ (BF). Is-somma ta' EBF+PBF+CBF+NBF f'kampjun jew popolazzjoni speċifika trid tkun ugwali għal 100% billi dawn il-kategoriji huma esklussivi b'mod reċiproku.
** Nota: din id-definizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn trabi u tfal li jieħdu, barra mill-ħalib tas-sider, trab tal-ħalib għat-trabi biss, ħalib mhux tal-bniedem biss, prodotti tal-ikel solidi jew semisolidi biss, jew taħlitiet u proporzjonijiet differenti ta' dan t'hawn fuq; u lanqas ma tqis il-proporzjoni tal-ħalib tas-sider fuq konsum tal-ikel ġenerali matul 24 siegħa.

## 5.2. Tiġi mħeġġa riċerka biex jiġu analizzati dwar ir-raġunijiet għaliex il-livelli tat-treddigħ f'Malta huwa baxx

Ir-riċerka għandha tiffoka fuq kif kwistjonijiet u rwoli tas-sessi, prattiċi fil-post tax-xogħol u fatturi soċjoekonomiċi jaffettwaw it-treddigħ u fuq l-kapaċità u r-rieda tan-nisa biex ireddgħu.

# Konklużjonijiet



Din il-Politika Nazzjonali tibni fuq il-ħidma li diġà twettqet matul dawn l-aħħar 20 sena. Tispjega s-sitwazzjoni attwali f'Malta u l-evidenza l-aktar riċenti tar-riċerka dwar il-benefiċċji għall-omm u t-tarbija kemm fi żmien qasir kif ukoll fi żmien aktar fit-tul. L-oqsma identifikati għall-azzjoni huma bbażati fuq l-evidenza jew proposti minn esperti bħala azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet u l-objettivi ta' din il-politika.

L-oqsma koperti minn din il-politika jvarjaw ħafna, u jkopru oqsma minn sptarijiet, ambjenti tal-kura primarja u komunitarji, għal taħriġ tal-professjonijiet tas-saħħa u partijiet interessati rilevanti oħra, kif ukoll l-ambjent tal-post tax-xogħol u l-ħolqien ta' ambjent li jappoġġja t-treddigħ. Ġew identifikati nuqqasijiet fis-sistema ta' sorveljanza tagħna, sabiex l-isforzi nazzjonali jiġu mmirati aħjar.

Din il-politika teħtieġ approċċ multisettorjali koordinat sabiex tinbidel il-kultura u tinkiseb bidla fl-imġieba. Se tagħti direzzjoni għall-isforzi nazzjonali sas-sena 2020, u għandha l-għan li żżid sostanzjalment ir-rati tat-treddigħ esklussiv fl-ewwel sitt xhur tal-ħajja, u għal perjodu itwal skont ix-xewqat tal-omm u t-tarbija.

Nisperaw li inizjattivi bħal dawn jgħinu biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-istrateġija nazzjonali dwar l-obeżità "Piż Tajjeb tul il-Ħajja"u li twassal għal benesseri aħjar għall-omm u t-tarbija.

## Referenzi


1. Ministry for Health, National Breast Feeding Policy, 2000
2. Ministry for Health, *A Healthy Weight for Life*, Malta 2012
3. WHO. Global Strategy for Infant and Young Child Feeding. WHO, Geneva, 2002 http://www.who.int/child-adolescent-health/NUTRITION/global_strategy.htm
4. WHO. Geneva. Baby-friendly Hospital Initiative. Revised, Updated and expanded for integrated care, 2009 http://www.who.int/nutrition/topics/bfhi/en/
5. World Health Assembly. International Code of Marketing of Breast milk Substitutes. WHO, Geneva, 1981 http://www.who.int/nut/documents/code_english.PDF
6. UNICEF. Innocenti Declaration 2005 http://www.unicef.org/nutrition/files/innocenti2005m_FINAL_ARTWORK_3_MAR.pdf & http://innocenti15.net/
7. Horta B.L., Bahl R., Martines J.C., Victora C.G. Evidence on the long-term effects of breastfeeding. WHO, 2007. http://www.quenoosseparen.info/documentos/LMlargoplazo.pdf
8. Kramer MS, Kakuma R. Optimal duration of exclusive breastfeeding. Cochrane Database of Systematic Reviews 2012, Issue 8. Art. No.: CD003517. DOI: 10.1002/14651858.CD003517.pub2.
9. César JA, Victora CG, Barros FC, et al. Impact of breastfeeding on admission for pneumonia during postneonatal period in Brazil: Nested case-control study. Br Med J 1999;318:1316–20
10. Levine OS, Farley M, Harrison LH, et al. Risk factors for invasive pneumococcal disease in children: A population-based case-control study in North America. Pediatrics 1999;103(3):e28
11. Perera BJC, Ganesan S, Jayarasa J, Ranaweera S. The impact of breastfeeding practices on respiratory and diarrhoeal disease in infancy: A study from Sri Lanka. J Trop Pediatr 1999;45:115–8.
12. Daly KA, Brown JE, Lindgren BR, Meland MH, Le CT, Giebink GS. Epidemiology of otitis media onset by six months of age. Pediatrics 1999; 103:1158–66.
13. Duffy LC, Faden H, Wasielewski R, et al. Exclusive breastfeeding protects against bacterial colonization and cay care exposure to otitis media. Pediatrics. 1997;100:e7.
14. Dewey KG, Heinig MJ, Nommsen-Rivers LA. Differences in morbidity between breastfed and formula-fed infants. J Pediatr 1995;126:696–702.
15. Kramer MS, Chalmers B, Hodnett ED, et al. Promotion of Breastfeeding Intervention Trial (PROBIT): A randomized trial in the Republic of Belarus. JAMA 2001;285(4):413–20.
16. Clemens J, Elyazeed RA, Rao M, Savarino S, Morsy BZ, Kim Y, et al. Early initiation of breastfeeding and risk of infant diarrhea in rural Egypt. Pediatrics 1999;104: e3.
17. Scariati PD, Grummer-Strawn LM, Fein SB. A longitudinal analysis of infant morbidity and extent of breastfeeding in the United States. Pediatrics 1997;99:e5.
18. Arifeen S, Black RE, Antelman G, Baqui A, Caulfield L, Becker S. Exclusive breastfeeding reduces acute respiratory infection and diarrhea deaths among infants in Dhaka slums. Pediatr 2001;108:e67.
19. WHO Collaborative Study Team on the role of breastfeeding on the prevention of infant mortality. Lancet 2000;355:451–5.
20. Grummer-Strawn, L.M., Mei, A., Centers for Disease Control and Prevention Pediatric Nutrition Surveillance System (2004) Does breastfeeding protect against pediatric overweight? Analysis of longitudinal data from the Centers for Disease Control and Prevention Pediatric Nutrition Surveillance System. Pediatrics, 113(2), e81-6.
21. Armstrong, J. & Reilly, J.J. (2002) Breastfeeding and lowering the risk of childhood obesity. Lancet, 359, 2003-2004

22. Sadauskaite_kuehne, V. et al. (2004) Longer breastfeeding is an independent protective factor against development of type 1 diabetes mellitus in childhood. Diabetes Metab Res Rev, 20(2), 150-7.
23. Hammond-McKibben, D. & Dosch, H.M. (1997) Cow's milk bovine serum albumin and IDDM: Can we settle the controversies? Diabetes Care, 20 (5), 897-901.
24. Kwan, M.L., Buffler, P.A., Abrams, B. & Kiley, V.A. (2004) Breastfeeding and the risk of childhood leukemia: A meta-analysis. Public Health Reproduction, 119, 521-535
25. Klement, E., Cohen, R.V., Boxman, J., Joseph, A. & Reif, S. (2004) Breastfeeding and the risk of inflammatory bowel disease: A systematic review with meta-analysis. American Journal of Clinical Nutrition, 80, 1342-1352.
26. Greco, L., Aurricchio, S., Mayer, M. & Grimaldi, M. (1997) Case control study on nutritional risk factors in celiac disease. Journal of Pediatric Gastroenterology & Nutrition, 7 (3), 395-399.
27. Smulevich, V.B., Solionova, L.G. & Belyakova, S.V. (1999) Parental occupation and other factors and cancer risk in children: I. Study methodology and non-occupational factors. International Journal of Cancer, 83, 712-717
28. Owen, C.G., Whincup, P.H., Odoki, K., Gilg, J.A. & Cook, D.G. (2002) Infant feeding and blood cholesterol: A study in adolescents and a systematic review. Pediatrics, 110 (3), 597-608
29. Oddy, W.H., Holt, P.G., Sly, P.D., Read, A.W., Landau, L.I., Stanley, F.J., Kendall, G.E., Burton, P.R. (1999) Association between breastfeeding and asthma in six year old children: findings of a prospective birth cohort study. British Medical Journal, 319 (7213), 815-819
30. Saarinen, U.M. & Kajosaari, M. (1995) Breast feeding as prophylaxis against atopic disease: prospective follow-up study until 17 years old. Lancet, 346, 1065-1069
31. Marild, S., Hansson, S., Jodal, U., Oden, A & Svedberg, K. (2004) Protective effect of breastfeeding against urinary tract infection. Acta Paediatric, 93(2), 164-8.
32. Gorman, W.A., Fallon, M., Kelly, M., Clarke, T., Griffin, E., Matthews, T., Murphy, J., O'Brien, N. & Sheridan, M. (1996) The Dublin outcome for low birth-weight infants. Irish Medical Journal, 89 (5), 186-187.
33. Mortenson EL, Michaelsen KF, Sanders SA, Reinisch JM. The association between duration of breastfeeding and adult intelligence, JAMA 2002;287:2365-2371.
34. Dewey KG, Cohen RJ, Brown KH, et al. Effects of exclusive breastfeeding for four versus six months on maternal nutritional status and infant motor development: Results of two randomized trials in Honduras. J Nutr 2001;131:262–7.
35. Horwood LJ, Darlow BA, Mogridge N. Breast milk feeding and cognitive ability at 7-8 years. Arch Dis Child Fetal Neonatal Ed 2001; 84:F23–F27.
36. Horta BL, Bahl R, Martines J, Victora C. Evidence on the long-term effects of breastfeeding: systematic reviews and meta-analyses. World Health Organization, Geneva, 2007
37. Gillman MW, Rifas-Shiman SL, Carmargo CA Jr., Berkey CS, Frazier AL, Rockett HRH,et al. Risk of overweight among adolescents who were breastfed as infants. JAMA 2001;285:2461–7.
38. Hediger ML, Overpeck MD, Kuczmarski RJ, Ruan WJ. Association between infant breastfeeding and overweight in young children. JAMA 2001;285:2453–60.
39. Jones ME, Swerdlow AJ, Gill LE, et al. Pre-natal and early life risk factors for childhood onset diabetes mellitus: A record linkage study. Int J Epidem 1998;27:444– 9.
40. Pettitt DJ, Forman MR, Hanson RL, Knowler WC, Bennett PH. Breastfeeding and the incidence of non-insulin-dependent diabetes mellitus in Pima Indians. Lancet 1997;350:166–8.
41. Shu XO, Linet MS, Steinbuch M, et al. Breast-feeding and risk of childhood acute leukemia. J Natl Cancer Inst 1999;91:1765–72.
42. Titus-Ernstoff L, Egan KM, Newcomb PA, Baron JA, Stampfer M, Greenberg ER, et al. Exposure to breast milk in infancy and adult breast cancer risk. J Natl Cancer Inst 1998;90:921–4.
43. EU Project on Promotion of Breastfeeding in Europe. Protection, promotion and support of breastfeeding in Europe: a blueprint for action (revised). European Commission, Directorate Public Health and Risk Assessment, Luxembourg, 2008.
44. Tryggvadottir L, Tulinius H, Eyfjord JE, Sigurvinsson T. Breastfeeding and reduced risk of breast cancer in an Icelandic cohort study. Am J Epidemiol 2001;154:37–42.

45. Gao Y-T, Shu X-O, Dai Q, et al. Association of menstrual and reproductive factors with breast cancer risk: Results from the Shanghai Breast Cancer Study. Int J Cancer 2000;87:295–300.
46. Lipworth L, Bailey R, Trichopoulos D. History of breast-feeding in relation to breast cancer risk: A review of the epidemiologic literature. J Natl Cancer Inst 2000;92:302– 12.
47. Dewey, K.G., Heinig, M.J. & Nommsen, L.A., (1993) Maternal weight-loss patterns during prolonged lactation. American Journal of Clinical Nutrition, 58 (2), 162-166.
48. Dennis CL, McQueen K. The relationship between infant-feeding outcomes and postpartum depression: a qualitative systematic review. *Pediatrics* 2009;123:e736– e751.
49. Hamdan A., Tamim H. The relationship between postpartum depression and breastfeeding. *Int J Psychiatry Med* 2012; 43(3): 243-59.
50. McFadden A, Toole G. Exploring women's views of breastfeeding: a focus group study within an area with high levels of socio-economic deprivation. Matern Child Nutr 2006;2(3)156–168.
51. Jarosz LA. Breast-feeding versus formula: Cost comparison. Hawaii Med J 1993;52(1):14–8.
52. Weimer J. The economic benefits of breastfeeding: A review and analysis. ERS Food Assistance and Nutrition Research Report No. 13. USDA Economic Research Service, Washington, D.C. 2001.
53. Ball TM, Wright AL. Health care cost of formula-feeding in the first year of life. Pediatrics 1999;103:870–6.
54. Weimer, J.P. (2001) The economic benefits of breastfeeding. Food Review, 24 (2), 23-26.
55. Dyson L., Renfrew M., McFadden A. et al. Promotion of breastfeeding initiation and duration. Evidence into practice briefing. NICE, England, July, 2006.
56. Sarah KF et al. Factors influencing decision to breast feed Journal of Advanced Nursing *Volume 46, Issue 4,* pages 369–379, May 2004.
57. Brown JD, Peuchand SR. Media and breast feeding: friend or foe. International Breastfeeding Journal 2008, ***3***:15.
58. Dyson L et al . Promotion of breast feeding initiation and completion. NHS, 2005.
59. Forrester IT et al. Assessment of Students' Attitudes toward Breastfeeding. J Hum Lact March 1997 vol. 13 no. 1: 33-37.
60. McIntyre. ET et al . Determinants of infant feeding practices in a low socio-economic area: identifying environmental barriers to breastfeeding. Australian and New Zealand Journal of Public Health. Volume 23, Issue 2, pages 207–209, April 1999.
61. Mozingo JN, Davis MW, Droppleman PG, Meredith A. "It wasn't working." Women's experiences with short-term breastfeeding. MCN Am J Matern Child Nurs 2000;25:120–126.
62. U.S. Department of Health and Human Services. *The Surgeon General's Call to Action to Support Breastfeeding*. Washington, DC: U.S. Department of Health and Human Services, Office of the Surgeon General; 2011.
63. Jones JR . Factors Associated With Exclusive Breastfeeding in the United States. Pediatrics Vol. 128 No. 6 December 1, 2011 : 1117 -1125.
64. Al Bustan M, Kohli BR. Socio-economic and demographic factors influencing breast-feeding among Kuwaiti women. Genus. 1988 Jan-Jun;44(1-2):265-78.
65. Heyman J., Raub A., Earle A. Breastfeeding policy: a globally comparative analysis. Bulletin of WHO 2013; 91:398-406.
66. Bunik M, Clark L, Zimmer LM, Jimenez LM, O'Connor ME, Crane LA, et al. Early infant feeding decisions in low-income Latinas. Breastfeed Med 2006;1:225–235.
67. Stewart-Knox B, Gardiner K, Wright M. What is the problem with breast-feeding? A qualitative analysis of infant feeding perceptions. J Hum Nutr Diet 2003; 16:265–273.
68. EU Project on Promotion of Breastfeeding in Europe. Protection, promotion and support of breastfeeding in Europe: a blueprint for action (revised). European Commission, Directorate Public Health and Risk Assessment, Luxembourg, 2008.
69. Janulova L. National Obstetric Information System (NOIS), Malta. 1995-2002.
70. Attard Montalto S. Breastfeeding, Malta 2002. Malta Medical Journal Vol. 14 Issue 01. November 2002.
71. Gatt M. Dept. of Health Information, Malta (Personal communication, 2015)

72. Europeristat Project. European Perinatal Health Report. The Health and Care of pregnant women and babies in Europe 2010. May, 2013. [online]. Available from: www.europeristat.com
73. Attard Montalto S., Borg H., Buttigieg-Said M., Clemmer E. J. Incorrect advice: the most significant negative determinant on breast feeding in Malta. (2010). http://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0266613808000570
74. Public Service Management Code http://pahro.gov.mt/psmc-0
75. Subsidiary legislation 449.52. Infant Formulae and follow on formula regulations. 2007
76. WHO. Indicators for assessing infant and young child feeding practices: conclusions of a consensus meeting. WHO, Geneva, 2007